Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru 1372/2021

**Servizzi Malta Limited u Bad Boy Cleaning Servics Limited**

**Vs**

**Dipartiment għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita; Dipartiment tal-Kuntratti; u Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanita' Attiva ghal kull interess li jista' jkollha**

13 ta' Settembru, 2021.

1. B'rikors preżentat fl-10 ta' Settembru 2021 ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti sabiex tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli *".... jaċċettaw, jipproċessaw, b'xi mod jibdew u/jew ikomplu bil-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-offerti li l-offerenti jistgħu jissottomettu b'risposta għat-tender imsejjaħ 'Tender for the Provision of Home Help Services in the Community within the Active Ageing & Community Care" b'referenza CT2191/2021 ippubblikat fuq ePPS (www.tenders.gov.mt) fil-11 ta' Awissu 2021"*.

2. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda.

3. Ir-rikors promotur tar-rikorrenti sar bil-għan li jwaqqaf il-proċess tat-tender *"for the Provision of Home Help Services in the Community within the Active Ageing & Community Care"*. Is-sejħa għall-offerti kienet tagħlaq għada, u waqt is-seduta tal-lum il-qorti ġiet infurmata li ġiet estiża għal 24 ta' Settembru 2021.

4. Ir-rikorrenti jilmentaw li t-tender in kwistjoni jelimina l-konkorrenza peress li ġie mfassal b'mod fejn il-kuntrattur attwali biss jista' jirbħu, u dan fir-rigward ta' ċertu aspetti fit-tender:

   i. Ma tqassamx f'lots;
   ii. Jitlob esperjenza fl-għoti tas-servizz li l-kuntrattur attwali biss għandu;
   iii. Regolamenti dwar it-*transfer of business*;
   iv. Id-data effettiva minn meta jibda t-tender;

5. Ir-rikorrenti isostnu li:

   *"14......... Is-soċjeta in kwistjoni hijia bla ebda dubju ta' xejn l-incumbent provider tal-home help services kemm Malta u kemm Għawdex u huwa ċar li l-esperjenza mitluba fit-Tender ġiet tailored għall-kuntratt viġenti li għandha l-isttess mal-Istat Malti. Ma jeżisti l-ebda kuntratt ieħor mill-Istat Malta għall-prestazzjoni tal-home help services"*.

6. Jirriżulta li t-tender kien ġie ppubblikat fil-11 ta' Awissu 2021 fis-sistema tal-ePPS. Ġie wkoll ppubblikat fis-suppliment għall-Official Journal of the European Union.

7. Għal dak li jirrigwarda l-akkwist pubbliku, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 f'regolament 262 kienet tipprovdi rimedju lir-rikorrenti.

8. Mhemmx dubju li l-ilment tar-rikorrenti jaqa' taħt l-art. 262. Ir-rikorrenti naqsu milli jagħmlu applikazzjoni a bażi ta' dak ir-regolament u issa qegħdin jipprovaw iwaqqfu l-proċess permezz ta' rikors għall-hruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

9. F'dan l-istadju mhuwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tiddeċiedi dwar jekk ir-regolament jiksirx id-dritt komunitarju minħabba t-terminu li r-regolament jimponi sabiex parti interessata tkun tista' tipproponi dik il-proċedura. Ir-regolament 262 jipprovdi għall-proċedura li għandha tiġi segwita minn kandidat prospettiv jew offerent qabel tagħlaq is-sejħa.

10. Waqt is-seduta tal-lum id-difensuri tar-rikorrenti ikkonfermaw li r-rikorrenti huma midħla sew tal-proċedura dwar akkwist pubbliku. Evidenti li talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għaliex naqsu milli jipproponu l-proċedura kontemplata fir-regolament 262 fit-terminu kontemplat fir-regolamenti. Tant hu hekk li fir-rikors iddikjaraw, *"3. Illi r-rikorrenti saru jafu b'dan it-Tender fil-bidu ta' Settembru 2021 tramite l-ePPS"*.

11. Madankollu mhemmx kontestazzjoni li t-tender kienu ilu pubblikat fis-sistema tal-ePPS sa mill-11 ta' Awissu 2021. Jekk ir-rikorrenti ma ndunawx b'dak it-tender qabel Settembru 2021, in-nuqqas hu tagħhom biss.

12. Rilevanti wkoll li kieku r-rikorrenti ipproponew il-proċedura skont regolament 262, il-proċess tat-tender kien jiġi sospiż (ara reg. 266).

13. Lanqas ma sar xi argument li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti għalfejn regolament 262 tal-L.S. 601.03 ma japplikax għall-każ in eżami.

14. Il-liġi tipprovdi proċedura speċjali dwar kif parti interessata tista' tikkontesta tender qabel id-data tal-egħluq tas-sejħa għall-offerti. Proċedura li ssir quddiem il-Public Contracts Review Board u mhux il-qrati ċivili. Hu dak il-Bord li skont il-liġi hu kompetenti sabiex jiddeċiedi l-ilment fil-meritu li qajmu r-rikorrenti.

15. Ġialadarba l-Liġi Sussidjarja 601.03 tipprovdi għal mod kif sejħa għall-offerti tista' tiġi kontestata qabel l-egħluq tad-data għall-offerti u r-rikorrenti m'għamlux użu minn dik il-proċedura, ma jistgħux issa jipprovaw iwaqqfu l-proċess tat-tender bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-fatt li meta r-rikorrenti indunaw bit-tender kien tard wisq għall-proċedura kontemplata fir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku, mhu tort ta' ħadd għajr tagħhom.

16. Għaldaqstant, wara li għadda ż-żmien li fih ir-rikorrenti setgħu jipproponu l-proċedura taħt regolament 262, ma jfissirx b'daqshekk li din il-Qorti saret kompetenti biex tikkunsidra fuq bażi ta' prima facie l-ilmenti fil-meritu tar-rikorrenti.

17. Hu fatt li issa il-perjodu tat-tender ġie estiż sal-24 ta' Settembru 2021. Pero' x'inhi l-konsegwenza ta' deċiżjoni bħal dik mhijiex il-meritu ta' dan il-proċediment.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqaf il-proċess tat-tender CT2191/2021, bl-ispejjeż kontriha.

Anthony Ellul.

Email:- Dr Clement Mifsud Bonnici, Dr Bernice Saliba u Dr Andrew Cauchi.